MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2010

Numru 964/2009

**PULIZIJA
SPETTUR CARMELO MAGRI
SPETTUR ANTHONY AGIUS
VS
LAURENCE CASSAR
FABIAN BRINCAT
*OMMISSIS***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Laurence Cassar ta’ 19-il sena, iben Francis u Rita nee’ Bonnici mwieled go Haz-Zabbar fis-16 ta’ Mejju 1990, residenti fil-fond bin-numru 47 Triq il-Palazz ta’ l-Isqof, Birgu u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 237590(M); Fabian Brincat ta’ 18- il sena, iben Alexander u Lorae nee’ Galea mwieled fil-Pieta’ fl-4 ta’ Novembru 1990, residenti fil-fond ‘Binja 8 ta’ Dicembru Flat 3, Triq San Mark, Bormla u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 523390(M);

*Ommissis* ta’ *ommisis*-il sena, iben *Ommissis M* u *Ommissis O*, imwieled *ommissis*, residenti *ommissis* u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru *ommissis*.

Illi huma akkuzati talli fl-14 ta’ Settembru 2009, ghall-habta tas-2.30 ta’ filghodu fi Triq Dawret-il Wied Mosta, ikkommettew serq ta’ kwantita’ ta’ diesel minn vettura ta’ l-ghamla ‘Leyland’ bin-numru tar-registrazzjoni EBM964 ghad-dannu ta’ Jason Bonavia mill-Mosta. Liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, u fil-granet ta’ wara din id-data, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b’kull mod li jkun, indahhlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputati fil-verbal datat 18 ta’ Frar 2010 (fol.8);

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni taghhom, il-Qorti ssib lill-imputati, **Laurence Cassar, Fabian Brincat u *Ommissis***, hatja skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 37, 261, 262, 263, 264, 270, 271 u 280(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **tqieghed lill-imputati taht Ordni ta' Probation ghal tmintax (18)-il xahar** taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat.

Il-Qorti akkordat din il-piena wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta' l-imputati, l-fatt illi t-tlett imputati huma *first offenders,* l-eta' giovanili ta' l-imputati u b'mod specjali ghall-imputat *Ommissis* illi, fil-fatt, kien ghadu minorenni.

Il-Qorti tordna kopja ta' din is-sentenza li tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------